MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Avviz Numru. 36/2009

**Perit Arkitett Robert Musumeci**

**vs**

**Steve Mallia u George Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq ndikat datat it-2 ta’ Frar tas-sena 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti Musumeci sejjah lill-imputati Mallia u Micallef quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati :

1. Illi prevja li din il-qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-allegazzjonijiet ippubblikati fl-artikolu intitolat *‘MEPA’s ethics are confused*”, illi deher fil-harga tal-gurnal The Sunday Times datat 25 ta’ Jannar, 2009, f’pagna numru 18, u li tieghu l-intimati huma l-editur u l-awtur rispettivament, senjatament l-ewwel u it-tielet paragrafu ta’

l-artikolu kif indikat fil-kopja hawn annessa u mmarkata Dok A huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Illi jhallsu lir-rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata min dina l-qorti f'ammont li ma jeccedix hdax –il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro, (€11, 646.00), a tenur ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, (Kap 28 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimati ngunti in subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat Mallia datata l-5 ta' Marzu, 2009 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-ittra meritu tal-kaz mhux libelluz fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Illi l-ittra ppubblikata kienet tikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' fatti u ta' kritika fil-konfront tal-proceduri tal-*Malta Environment and Planning Authority*, liema fatti huma sostanzjalment veri u l-kritika tikkostitwixxu "*fair comment*" fil-konfront tal-istess awtorita`;

3. Illi l-kontenut tal-ittra jittratta affarijiet ta' nteress pubbliku, u cioe` l-mod kif il-proceduri tal-MEPA huma kolpiti minn diversi problemi ta' konflitt ta' nteress fil-membri appuntati sabiex jiehdu decizjonijiet tal-ippjanar;

Rat il-kapitolu tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat Micallef, datat id-9 ta' Marzu, 1009, ipprezentat quddiem din il-qorti, diversament preseduta;

Rat id-dokumenti esebiti f'din il-procedura quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-intimat Mallia datat it-23 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu informa lil din il-qorti kif preseduta li kien intlahaq ftehim bejn ir-rikorrenti u l-patrocinat tieghu l-intimat Mallia u li dan il-

ftehim kien ghad jonqos biss li jigi formalizzat bil-prezentata ta' nota ta' cessjoni u dan, bl-ispejjez bla taxxa;

Rat ukoll il-verbal tar-rapprezentant legali tar-rikorrenti li kkonfermat li kien intlahaq l-imsemmi ftehim bejniethom, inkluz ukoll dak rigwardanti l-fatt li l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa u li effettivament, in vista tal-istess ftehim, il-korrispondenza mitluba kienet anke giet ippubblikata fil-harga tal-gurnal settimanali "*The Sunday Times"* tal-21 ta' Novembru, 2010;

Rat ukoll li l-istess rapprezentant legali indikata fil-paragrafu precedenti infurmat ukoll lill-qorti li l-kawza kienet qed titkompla fil-konfront tal-intimat Micallef;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti esebiti quddiem din il-qorti kif issa preseduta, inkluz in-nota tar-rikorrenti datata l-25 ta' Novembru, 2010, u d-dikjarazzjoni hemm annessa;

Tirrileva li l-intimat Micallef, ghalkemm debitament notifikat b'din il-procedura, jirrizulta li la ntavola risposta, la pprezenta xhieda u konsegwentement baqa' ghal kollox kontumaci;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-intimat Mallia, stante li jirrizulta li l-partijiet, (ir-rikorrenti Musumeci u hu), lahqu ftehim li permezz tieghu giet ippubblikata stqarrija sodisfacenti ghar-rikorrenti, u li in oltre qabblu wkoll li l-ispejjez fir-rigward ghandhom ghalihom ikunu bla taxxa, din il-qorti ma thossx li ghandha tiddisturba dan il-ftehim, stante li din l-ahjar forma ta' gustizzja, u konsegwentement tillibera lill-imputat Steve Mallia mill-osservanza tal-gudizzju u tordna li fir-rigward tieghu u tar-rikorrenti fuq indikati, l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante din ir-rizoluzzjoni amikevoli tal-imsemmija partijiet din il-procedura baqghet pendenti fir-rigward tal-intimat Micallef;

Illi fil-konfront tal-imsemmi intimat Micallef il-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-imsemmi intimat Micallef hu l-awtur tal-artikolu inkriminat fuq indikat;

2. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna kienu sintetikament is-segwenti:

i. Illi waqt li r-rikorrenti kien qed jassisti professjonalment xi klijent tieghu fil-bini ta' l-Awtorita` Maltija tal-Ambjent u tal-Ippjanar hu kellu bzonn johrog mill-laqgha;

ii. Illi meta r-rikorrenti kien fil-parkegg tal-imsemmija Awtorita` iltaqa' ma' certu Claude Borg, perit u kollega tieghu, fejn waqfu jitkellmu fuq affarijiet estranei ghall-professjoni taghhom jew ghal xi applikazzjonijiet pendenti fl-istess Awtorita`;

iii. Illi minghajr l-ebda pre-avviz dehret persuna li bdiet tiehu r-ritratti taz-zewg periti;

iv. Illi r-rikorrenti jsostni li hass ruhu intimidat u talab il-protezzjoni tal-Pulizija;

v. Illi meta l-persuna li ha l-imsemmija ritratti gie rintraccat mill-pulizija, dan infurmaha li kien ser ihassar ir-ritratti li kien ha;

vi. Illi pero` fil-harga tal-gurnal "*The Sunday Times*" tal-11 ta' Jannar tas-sena 2009, deher artikolu intitolat "*Picture lands photographer in trouble with the police";*

vii. Illi di piu` fil-harga tal-istess gurnal settimanali tal-25 ta' Jannar tas-sena 2009, gie ppubblikat artikolu iehor, din id-darba miktub mill-intimat kontumaci Micallef intitolat "*Mepa's ethics are confused*" li bih ir-rikorrenti, hassu malafamat u ingurjat, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi ssir referenza ghar-ritratt li kien deher precedentement fuq riferit;
2. Illi l-artikolist unilateralment jallega li l-imsemmi ritratt juri lir-rikorrenti jiddiskuti applikazzjoni ma' l-imsemmi Claude Borg, liema applikazzjoni kienet pendenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, komunement maghrufa bhala DCC;

3. Illi dan hu ezempju perfett ta' dak li hemm marc fil-MEPA;

4. Illi l-fatt li l-istess MEPA trattat din il-kwistjoni b'mod legger u injoratu, jaghmel dan il-fatt aktar gravuz;

5. Illi s-sitwazzjoni li zviluppat min u kaz fejn membru ta' bord johrog mill-kamra biex jiddiskuti l-kaz mal-applikant, li jirrabja ghaliex xi hadd jimmortalizza dan l-inkontru u sahansitra, jdahhal lill-Pulizija li jintimidaw li dan minflok ma jiehdu azzjoni kontra min agixxa kontra l-etika;

6. Illi sahansitra l-istess artikolista intimat kontumaci jsejjah ghall-irtirar tal-perit Borg meta jkun hemm tali applikazzjonijiet ghaliex hu koordinatur tal-*Valletta and Floriana Rehabilitation Committee*;

7. Illi fl-ahhar nett isostni li l-ebda membru m'ghandu jithalla jilbes kpiepel differenti u jiggudika darbtejn u jikkonkludi li dan isir ghaliex l-etika mhaddna mill-MEPA hi konfuza;

Ikkunsidrat:

Illi kif gia` gie fuq indikat, l-intimat Micallef, nonostante r-robustezza tal-irruenza gurnalistika tieghu, ghazel li f'din il-procedura jibqa' kontumaci u ma jissottomettix ruhu ghall-iskrutinju gudizzjarju kif sancit f'socjeta` civili li thadden is-sovranita` tad-dritt;

Illi konsegwentement, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tikkonkludi li l-provi mressqa mir-rikorrenti tikkonsidrhom bhala ippruvati skont il-ligi u tqis lilha nnifisha marbuta bl-istess rizultanzi;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti tikkonsidra li rriuzlta s-segwenti:

1. Illi ittiehed ritratt mir-rikorrenti flimkien mal-perit Borg fil-parkegg tal-MEPA l-Furjana;

2. Illi l-konkluzjoni tal-artikolist intimat kontumaci Micallef li l-imsemmi ritratt ippubblikat juri lill-protagonisti fuq indikati jiddiskutu applikazzjoni partikolari turi pregudizzju strutturali stante li l-premessa li fuqha jistrieh ghall-konkluzjoni tieghu hi ghal kollox pretestuza, bla bazi logika, u malizzjuza;

3. Illi sakemm ix-xjenza ma tkomplix tevolvi qatiegh, din il-qorti ghad trid tigi konvinta li jezisti "ritratt" li juri bi prova tieghu stess li tnejn min-nies qed "jitkellmu", u qed jaghmlu hekk b'tali mod li l-istess "ritratt" juri lil min jarah id-diskors li jkun qed jinghad;

4. Illi di piu`, l-allegazzjonijiet serji vantati mill-artikolist intimat kontumaci gew abbundantement konfutati;

5. Illi fuq kollox, l-istess artikolist intimat kontumaci lanqas jirrizulta li ghamel l-icken sforz biex jivverifika l-allegazzjonijiet tieghu mal-protagonisti qabel jippubblikhom;

6. Illi finalment hi meravilja kif hu biss ir-rikorrenti odjern li ghazel li jintraprendi l-azzjoni odjerna stante li l-allegazzjonijiet nefasti ppubblikati jindirizzaw numru konsiderevoli ta' nies;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nuqqas ta' difiza da parte tal-artikolist intimat kontumaci din il-qorti m'ghandha l-ebda altrnattiva hlief li tikkonkludi li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, nonostante li fil-kaz odjern, peress li r-rikorrenti hu ex admissis personalita` pubblika, (ara fol 16 fejn isostni li hu " … persuna politika u nokkupa l-kariga ta' Sindku…");

Illi f'din ir-rigward ghandu jinghad dak li kien ritenut fil-kaz Lingens vs Austria tat-8 ta' Lulju, 1988:

"The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of the every word and dedd by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance";

L-imsemmi principju gie wkoll ribadit fil-kaz ta' Oberschlick tat-23 ta' Mejju ta' 1991 fejn intqal:

"The Court notes that a politician, must display a greater degree of tolerance with regard to criticism";

Illi finalment, ghandu jinghad li wara kollox, analizi gurnalistika serja ghandha wkoll l-iskop ta' tissalvagwardja l-interess pubbliku statne li kif irriteniet il-Qorti ta' Strassburgu fil-kaz "The Sunday Times vs The K.K." tas-26 t'April ta' l-1979, l-istampa, fl-ambitu ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:

" … plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest";

Ikkunsidrat:

Illi pero` l-bazi logika u fattwali tal-allegazzjonijiet sbandjerati mill-artikolist intimat kontumaci huma ghal kollox karenti u jammontaw biss ghal manipulazzjoni nefasta ta’ sitwazzjoni statika li minnha halaq artifizju kimeriku qarrieqi li l-iskop tieghu jirrizulta li seta’ kien biss dak li joskura, jimmalafama u jingurja lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, filwaqt li tissottolinea li qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li tali “gurnalizmu” m’hu gurnalizmu xejn, izda biss usurpazzjoni ta’ din il-professjoni necessarja ghall-hajja demokratika serja u vibranti:

1. Tiddikjara li l-artikolu intitolat “*MEPA’s ethics are confused*” ippubblikat fil-harga tal-gurnal settimanali “The Sunday Times”, tal-25 ta’ Jannar 2009, f’pagna 18, miktub mill-artikolist intimat kontumaci George Micallef, hu malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Robert Musumeci;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

“ Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Tikkundanna lill-artikolista ntimat kontumaci George Micallef biex a tenur ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248 ihallas lir-rikorrenti Perit Arkitett Robert Musumeci l-ammont ta’ tlett elef Ewro, (€3,000.00), bl-ispejjez ta’ din il-procedura;

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------